MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2009

Avviz Numru. 389/1998/1

**Alan Desira vs Ronald Gerada**

**Vs**

**Scorpio Enterprises Company Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex is-socjeta' konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess atturi s-somma ta' seba' mija wiehed u ghoxrin lira Maltin (Lm721.40c) ghal xoghol ta' bdil u komunikazzjoni ta' kanen, irdim, u tarmak li s-socjeta' konvenuta inkarigat lill-atturi jaghmlu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat mal-avviz u tal-ittra interpellatorja tat-12 ta' Frar 1998; u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sad-data tal-eventwali hlas – ilkoll kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta (fol 6 tal-istess atti) u li biha l-esponent bir-rispett:-

1. Illi t-talba tal-atturi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi s-somma mitluba mill-atturi fl-avviz relattiv m'hijiex dovuta mis-socjeta' konvenuta lill-atturi peress illi l-atturi naqsu milli jesegwixxu x-xoghol illi inghata lilhom mis-socjeta' konvenuta skond l-istruzzjonijiet ta' l-istess socjeta' konvenuta u/jew skond l-istruzzjonijiet tal-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma u/jew skond ma tirrikjedi s-sengha w l-arti. Minhabba dan l-imsemmi nuqqas da parti tal-atturi, is-socjeta' konvenuta sofriet, qed issofri u tista' issofri d-danni; ghaldaqshekk is-socjeta' konvenuta qeghda tipprevalixxi ruhha minn din il-procedura sabiex tipprezenta l-infraskritta talba rikonvenzjonali kontra l-atturi ghall-likwidazzjoni u risarciment tad-danni li s-socjeta' konvenuta sofriet, qed issofri u li ghad tista' ssofri.
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-atturi illi gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-istess socjeta konvenuta (fol 7 ibid) u li biha jinghad:-

Ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati li jhallsu lis-socjeta' konvenuta s-somma likwidata minn dina l-Qorti konsistenti f'danni u/jew f'penali dovuti lis-socjeta' konvenuta *ai termini* tal-iskrittura privata firmata bejn il-partijiet (annessa u markata Dokument A) peress illi l-istess atturi ma esegwewx x-xoghol ta' bdil u komunikazzjoni ta' kanen, irdim u tarmak u xoghol iehor relatat illi s-socjeta' Scorpiro Enterprises inkarigat lilhom illi jaghmlu skond l-istruzzonijiet tas-socjeta' konvenuta u/jew skond ma tirrikjedi s-sengha u w l-arti, u dan kif sejjer jigi ppurvat fil-mori tal-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-atturi Alan Desira u Ronald Gerard illi gew ingunti ghas-subizzjoni u jekk jonqsu li jidhru fil-jum u siegha hawn fuq imsemmija, il-Qorti tiddeciedi skond il-Ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess atturi u li biha (fol 10 ibid) esponew bir-rispett:-

Illi t-talba tas-socjeta' konvenuta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante:

1. Illi x-xoghol in kwistjoni sar skond is-sengha u l-arti u fil-fatt is-socjeta' konventua dejjem hallset lill-esponenti ghajr ghall-pagament reklamat permezz ta' l-Avviz fl-ismijiet premessi.
2. Illi meta s-socjeta' konvenuta lmentat dwar xi xoghol mal-esponenti, l-atturi dejjem irrangaw immedjatament l-istess ghas-sodisfazjoni tas-socjeta' konvenuta li kienet tinkarigahom.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-atturi</u> (ara z-zewg '<u>affidavits</u>' a fol 14 u fol 18 et seq ibid rispettivament) spjegaw, dwar l-avviz in esami, illi l-ammont pretiz minnhom, jirreferi ghal bilanc dovut lilhom mis-socjeta' konvenuta in rigward xoghol ta' bdil u komunikazzjoni ta' kanen u ordni moghti lilhom matul l-1996. Dwar dan ix-xoghol, li, filfatt, kien tibdil ta' servizz ta' ilma, f'djar u proprjetajiet privati ta' terzi persuni, huma kellhom jithallsu b'rata ta' Lm3-il metru ghax-xoghol li ssemma' u Lm1-il-metru ghal dak ta' 'wall trenching'. Dwar dan ix-xoghol, jissemma' li hemm esebit u markat bhala <u>Dok AD1</u> l-istess ftehim, fil-fatt ma jinsabx anness mal-istess 'affidavits'. Sussegwentement, is-socjeta' konvenuta kienet inkarigathom, ulterjorment, sabiex jinghata 'tarmac' f'kull servizz esegwit u dan b'rata ta' Lm1-il metro. In rigward l-esekuzzjoni tax-xogholjiet kif spjegati u li kienu jinvolvu diversi terzi persuni, kif kien jitlesta xi xoghol partikolari u individwali, huma kienu jaghtu 'l-karti' moghtija lilhom mis-socjeta' konvenuta sabiex l-istess 'karti' lil kull klijent partikolari sabiex jimtlew

u b'hekk jigi konfermat mill-istess klijent illi x-xoghol tlesta u l-istess karti, konsistenti f'original u zewg kopji, kienu jigu konsenjati lis-socjeta' konvenuta. Fl-istess 'karti' kien jkun hemm imnizzlin, 'spjegazzjoni dettaljata' tax-xoghol esegwit kif ukoll it-tul tax-xoghol f'metri, il-'fittings' li twallhu u l-'materjal li jkun intuza mill-atturi. A bazi ta' dawn id-dettalji kien jinhareg il-kont dovut lilhom mis-socjeta' kovenuta. Dwar l-istess xogholijiet, fuq il-post fejn kienu qed jigu esegwiti kien jigi ta' spiss spettur mibghut mill-korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma sabiex jispezzjona l-istess xogholijiet huma u ghaddejjin. Skond l-atturi, l-istess spetturi qatt ma kienu ghamlu xi oggezzjoni jew ilment dwar l-esekuzzjoni tax-xogholjiet ghax skond dejjem l-istess atturi din tal-ahhar kienet skond l-arti w is-sengha. Izda kien hemm xi kljenti li kienu jilmentaw u dwar dan huma, l-atturi, kienu dejjem, '... nirrangaw kwalsiasi lment' tista' tghid 'dak in-nhar stess'. Skond l-atturi l-ilmenti kienu jkunu u jikkonsistu' … f'affarijiet zghar' kif spjegat fl-istess 'affidavits'. In rigward iz-zmien involut ghall-esekuzzjoni ta 'dawn l-inkarigi, l-atturi kienu jaghmlu '… xi erba' jobs kulljum' f'perjodu totali ta' madwar, sitt (6) xhur u, xi kultant anke '… is-sibtijiet u xi minn daqqiet f'xi festa'. Fl-istess 'affidavits' jinghad ukoll illi Salvatore Baldacchino direttur tas-socjeta' konvenuta kien ghamel ilmenti in rigward '… multi, minhabba xoghol hazin li ahna konna nkunu naghmlu'. Izda dawn l-ilmenti qatt ma gew emnuti mill-atturi. Difatti meta l-atturi talbu sabiex jaraw l-ircevuti dwar il-hlas ta' dawn il-multi, huma qatt ma kienu ntwerew xi rcevuti dwar il-hlas ta' dawn il-multi mis-socjeta' konvenuta. Inoltre l-atturi, hlief ghall-ammont pretiz fl-avviz, kienu dejjem thallsu ghax-xoghol esegwit. Dwar l-ammont pretiz, dan kien jkopri l-valur ta' xoghol esegwit'. Fl-ahhar hmistax-il jum ta' qabel dik id-data' cjoe qabel is-26 ta' April 1997. Difatti, meta l-atturi kienu talbu l-ahhar pagament ossija l-ammont pretiz fl-avviz, kienu hawnhekk illi l-istess Salvatore Baldacchino kien ilmenta dwar xoghol hazin u l-ammont pretiz kien ser, jinzamm u ma jithallasx lill-atturi sabiex jigu koperti l-multi li s-socjeta' kovenuta kienet wahlet.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward it-talba in esami kif ukoll in rigward il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta Anna Maria Baldacchino permezz ta' 'affidavit' a fol 34 et seq ibid li mieghu hemm annessi diversi dokumenti minn fol 41 sa fol 134 ibid kif ukoll 'viva voce' et seq ibid spjegat illi wara li s-socjeta' konvenuta kienet rebhet u nghatat 'tender' mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-ilma (ara fol 161 et seq ibid) ghat-tqeghid u t-tibdil ta' kanen tal-ilma mill-'meter' fid-dar tal-konsumatur sal-'main' fit-triq u dan ghal Malta kollha. In rigward l-konvenuti dawn gew, inkarigati mill-istess socjeta' konvenuta sabiex jesegwixxu dan ix-xoghol bhala sub-appaltatur u gie ffirmat il-ftehim esebit in atti a fol 41. Fl-istess ftehim jinghad illi ghal kull 'service' certifkat hazin mill-konsenja Korporazzjoni, il-konvenuti kellhom jbatu tnaqqis ta' Lm25 mill-hlas dout waqt li in rigward hsara f'ghodda appartenenti lis-socjeta' konvenuta, l-istess hsara kellha tithallas mill-konvenuti. Skond ix-xhud, oltre dak premess, il-konvenuti kienu inkarigati ukoll bit-tqeghid ta' servizzi godda tal-ilma f'postijiet li ghadhom taht kostruzzjoni oltre ' reinstatement' tat-triq u tal-bankina. ukoll'. Wara li l-konvenuti bdew jesegwixxu x-xogholijiet izda minn zmien ghal zmien bdew dehlin ilmenti mill-ispetturi tal-Korporazzjoni dwar il-kwalita tax-xoghol esegwit permezz ta' 'service inspection reports'. In rigward xoghol esegwit hazin, seta' jigi stabbilit illi hafna minn dan ix-xoghol esegwit hazin kien, filfatt, sar mill-atturi u meta l-atturi kienu rinfaccjati b'dan, huma weghdu illi kienu ser jirrimedjawh. Izda avolja tali weghda, dan ma kienx jsir mill-attur kif jidher minn 'inspection report number' 617' esebit a fo 42 u markat Dok AMB2 fejn in rigward dan ix-xoghol esegwit mill-atturi hemm imnizzel 'still not rectified'. L–istess xhud kompliet tghid, illi in rigward il-procedura tax-xoghol, illi meta kien jigi assenjat xoghol partikolari lill-attur, kienet tinghata lilhom 'job card' u fuq din huma l-atturi kienu jnizzlu kull informazzjoni ta' natura teknika u dawn kemm jigu ffirmati kemm mill-attur kemm mill-konsumatur, hu minn hu. F'kaz li l-ispetturi tal-Korporazzjoni kienu jicceritifkaw lix-xoghol partikolari kien gie esegwit hazin, kien sar rapport 'ad hoc' u l-pagament dovut lis-socjeta' konvenuta kien jigi mizmum sakemm ix-xoghol hazin kien jigi rimedjat. Filfatt fid-29 ta' April 1997.

L-istess spetturi raw li kien qed jsir xoghol hazin hafna mill-attur (ara Dok AMB3 numru 668 a fol 44 ibid) u skond kif jidher mill-'fax' markata AMB4 a fol 47 ibid, l-istess Korporazzjoni kienet ordnat lis-socjeta' konvenuta sabiex 'Gerada' ma jithalliex jkompli jahdem fuq xoghol tal-istess Korporazzjoni. Minhabba hekk, gie deciz ili s-socjeta' konvenuta ma kienetx disposta thallashom ghal issa peress li din riedet tivverifika kemm kien hemm xoghol esegwit hazin, tenut kont tal-penali mifthema bejn il-partijiet skond il-ftehim imsemmi.  Jidher illi meta l-atturi gew informati b'dan, huma irrabjaw u, wara li rrifjutaw pagament 'inparte', huma hadu 'jack hammer' proprjeta tas-socjeta' konvenuta.  Pero, wara xi granet, l-atturi accettaw il-pagament ta' Lm100 permezz ta' 'cheque'. Sussegwentement meta s-socjeta' konvenuta giet avvicinata sabiex jsir il-hlas l-atturi gew murija r-rapporti kollha li saru mill-korporazzjoni dwar xoghol hazin li 'bejn wiehed u iehor' kien jinvolvi xoghol esgwit minnhom u spjegatilhom illi '…kemm kelli naghti lilhom kellhom jaghtu lili'.  Sussegwentement, minn verifiki aktar bir-reqqa, is-socjeta' konvenuta rat li kien hemm bilanc zghir favur l-istess socjeta. Difatti giet imposta mill-Korporazzjoni penali ta' Lm18,000 (ara Dok AMB5 a fol 48 u fol 49 ibid). Inoltre mal-istess 'affidavit' jinsabu annessi sebgha u tletin (37) 'Service Inspection Reports' (Dok AMB6 sa 42 a fol 50 sa fol 133 tal-istess atti) li, flimkien mal-'job cards' annessi maghhom juru x-xoghol certifkat hazin mill-korporazzjoni, waqt li l-istess xhud sostniet li dawn id-dokumenti ma' kienux dawk kollha in rigward xoghol hazin esegwit mill-atturi. Ix-xhud kienet ikkalkolat illi minhabba x-xoghol hekk esegwit, l-atturi kellhom jhallsu penali ta' Lm925 oltre telf ta' qligh ammontanti ghal Lm134 minhabba it-tehid tal-imsemmi 'jack hammer' sakemm gie ritornat.  Dwar dan tal-ahhar, pero, is-socjeta' konvenuta kienet disposta li taghmel tnaqqis ta' Lm75 u ghalhekk ix-xhud sostniet illi l-atturi huma debituri versi s-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' Lm278.60 (ara ukoll l-'affidavit' ta' Saviour Baldacchino a fol 33 ibid) kif ukoll ix-xhieda 'viva voce' ta' Albert Privitera a fl 141 et seq ibid dik ta' Emanuel Cumbo a fol 145 et seq ibid kif ukoll id-dokumenti esebiti a fol 149, 150, 152, 153, 154, 155 u 156). L-istess xhud, kif jidher a fol 159 abbinat mad-

dokumenti a fol 208 et seq ibid u specifkat li f'dan tal-ahhar, hemm lista ta' xoghol hazin esegwit b'dak li jinvolvi l-atturi markat 'Gerada'.

Ikkunsidrat

Ill, mill-provi kif esposti, jidher li gew pruvati s-segwenti fatti:-

a) Gie pruvat illi l-atturi effettivament ma' esegwewx l-inkarigu moghti lilhom skond kif rikjest mill-arti w is-sengha.
b) Bhala konsegwenza ta' dan, is-socjeta' konvenuta sofriet danni fir-relazzjoni taghha, bhala appaltatur, tal-Korporazzjoni ghas-Servizz tal-ilma u inkorriet penali pjuttost qawwija.
c) Inoltre, l-atturi, inkorrew, ukoll penali, ukoll, a bazi tal-ftehim 'in atti' a fol 41 u konsistenti fi tnaqqis ta' Lm25 ghal kull bicca xoghol esegwita hazin minnhom.
d) Mix-xhieda ta' Anna Maria Baldacchino irrizulta illi s-socjeta' konvenuta hi propensa li thallas l-ammont pretiz fl-avviz izda jrid jigi kunsiderat l-ammont ta' Lm1,000, konsistenti fil-penali inkorsi mill-attur kif ukoll ammont imnaqqas u ridott in rigward u in konnessjoni ma' telf ta' qliegh li batiet is-socjeta' konvenuta meta l-atturi kienu hadu 'jack hammer', kif hawn fuq imsemmi.

Illi, ghalhekk, il-Qorti tara illi ghandha tiddeciedi t-talba u kontrotalba inesami flimkien kif ser jinghad.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, <u>b'referenza ghat-talba u kontro talba in esami</u>, tikkundanna lill-atturi sabiex jhallsu lis-socjeta' konvenuta s-somma ta' Lm278.60 ossija €648.96 bl-imghax legali mill-4 ta' Mejju 1998, id-data tal-presentata tal-istess kontrotalba, sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes kollha f'dawn il-proceduri, dawn ghandhom jithallsu mill-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------